# BORD LI JIRREGOLA L-KERA
# GĦALL-GŻEJJER TA' GĦAWDEX U KEMMUNA

## CHAIRMAN: MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Numru: 3/2015**

**Illum il-Ħamis, 4 ta' Frar 2016**

**Natal Fava**
**vs**

**Joseph u Anna konjuġi Fenech**

Iċ-Chairman,

Ra r-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu r-rikorrent, wara li ppremetta:

Illi l-attur huwa sid il-fond garaxx fil-livell ta' semi basement fi blokk 'Ta' Salvu', Triq Skerla, Sannat, Għawdex;

Illi l-attur kien jikri dan il-fond lil Joseph u Anna marija konjuġi Fenech;

Illi dan il-fond jintuża bħala garaxx;

Illi l-konvenuti baqgħu ma ħallsux il-kirjiet minn l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju tas-snea elfejn u ħdax (2011) sal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015);

Illi r-rikorrent jixtieq jieħu dan il-fond lura kemm minħabba n-nuqqas ta' ħlas ta' kera kif ukoll għaliex, il-kirja llum hi terminata u għandu bżonn l-istess garaxx;

Illi l-konvenuti ġew interpellati b'ittra uffiċċjali tal-għoxrin (20) ta' Frar 2015 sabiex iħallsu l-iskadenzi kolha tal-kera li jammontaw għal aktar minn tnejn u sabiex jiżgombraw; cionostante baqgħu inadempjenti;

Illi l-konvenuti għandhom ilħallsu s-somma ta' erbat elef u tlett mitt Ewro (€4,300) rappreżentanti l-kera minn l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju elfejn u

ħdax (2011) sal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015) flimkien mal-imgħax skont il-liġi u ħlas għal okkupazzjoni ulterjuril

Illi fil-fehma tal-attur, il-konvneuti m'għandhomx eċċezzjonijiet xi jqanqlu kontra t-talbiet odjerni u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti tista' tgħaddi għas-sentenzqa ai termini tal-Artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dispensa tas-smigħ;

Illi din il-kawża qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Natal Fava li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawża.

Talab li dan il-Bord jogħġbu:

1. Jaqta u jiddeċiedi l-kawża u jipproċedi skont it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kap 12, tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara illi l-kirja favur il-konvenuti, tal-fond garaxx fil-livell ta' semi basement fi blokk 'Ta' Salvu', Triq Skerla, Sannat, Għawdex illum intemmet u l-konvenuti ma fadlilhom l-ebda dritt jibqgħu jokkupaw dan il-fond, jew fin-nuqqas itemm il-kirja;

3. Jikkundanna lil konvenuti jħallsu s-somma ta' erbat elef u tlett mitt Ewro (€4,300) rappreżentanti l-kera minn l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju elfejn u ħdax (2011) sal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015) flimkien mal-imgħax skont il-liġi;

4. Konsegwentement jordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jipprefiġġi, jirrilaxxaw il-pussess u jiżgombraw mil-fond garaxx fil-livell ta' semi basement fi blokk 'Ta' Salvu', Triq Skerla, Sannat, Għawdex u dan prevja kull provvediment li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kollha inklużi VAT. Il-konvenuti qegħdin minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Ra r-Riferta pożittiva tal-Intimati li saret permezz tal-pubblikazzjoni.

Ra l-atti kollha tar-Rikors, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi din hija proċedura li saret taħt l-artikolu 167 tal-Kap.12. Ir-rikorrent qed jitlob:

(i) dikjarazzjoni dwar it-terminazzjoni tal-kirja tal-*garage* indikat fir-Rikors;

(ii) il-ħlas tal-arretrati tal-kera dovuta; u

(iii) l-iżgumbrament tal-intimati minn dan il-*garage*.

L-intimati baqgħu ma weġbux għat-talbiet tar-rikorrent. Fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2015 il-legali tar-rikorrent ikkonferma li sa dakinhar is-sitwazzjoni kienet għadha kif deskritta fir-Rikors. Billi din il-kawża saret bil-proċedura kontemplata fl-artikolu 167 tal-Kap.12, u r-rikorrent iddikjara bil-ġurament fir-Rikors tiegħu li safejn jaf hu l-intimati ma kellhom ebda eċċezzjoni xi jressqu, iċ-Chairman jista' jgħaddi minnufih għas-sentenza.

Għaldaqstant, jiddeċidi l-kawża billi:

1. Jiddikjara illi l-kirja favur l-intimati tal-garaxx fil-livell ta' *semi basement* fi blokk magħruf bl-isem "ta' Salvu", Triq Skerla, Sannat, Għawdex, illum intemmet u l-intimati ma fadlilhom l-ebda dritt jibqgħu jokkupaw dan il-fond;

2. Jikkundanna lill-intimati jħallsu s-somma ta' erbat elef u tlett mitt euro (€4,300) rappreżentanti l-kera mill-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) sal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015), flimkien mal-imgħaxijiet skont il-liġi; u

3. Konsegwentement jordna lill-intimati sabiex fi żmien xahar jirrilaxxjaw il-pussess u jiżgombraw mill-garaxx imsemmi fil-livell ta' *semi basement* fi blokk magħruf bl-isem "ta' Salvu", Triq Skerla, Sannat, Għawdex.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tat-taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra l-intimati.

(ft) Paul Coppini
Chairman

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur